# QORTI TA` L-APPELL KRIMINALI
# (SEDE SUPERJURI)

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF DR MARK CHETCUTI LL.D.**

**ONOR. IMĦALLEF DR. EDWINA GRIMA LL.D.**

**ONOR. IMĦALLEF DR GIOVANNI M. GRIXTI LL.D.**

**Illum l-Erbgħa 04 ta’ Mejju 2022**

**Att ta` l-Akkuża Nru. 04/2021**

**Ir-Repubblika ta` Malta**

**vs**

**Christian Grech**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba mill-Avukat Ġenerali fl-Att ta’l-Akkuża bin-numru 04 tal-2021 kontra Christian Grech detentur tal-karta tal-identita bin-numru 385590M:

**Fl-Ewwel Kap,** talli nhar Sittax (16) ta’ Frar tas-sena Elfejn u Tmintax (2018) għall-ħabta tas-sitta u nofs ta’ filgħaxija (18:30hrs), ġewwa l-Għassa tal-

Pulizija ta′ l-Imsida, Malta; kif ukoll nhar is-Seba′ (7) ta′ Marzu tas-sena Elfejn u Tmintax (2018) għall-ħabta tat-tlieta u nofs ta′ filgħodu (03:30hrs), wkoll ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta′ l-Imsida, Malta, b′diversi atti magħmulin minnu wkoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b′riżoluzzjoni waħda, bil-vjolenza, ikkommetta stupru fuq il-persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor (Maria Valentina Gatt), b′dana illi dan l-istupru huwa wieħed aggravat stante li sar ripetutament; Akkużah ukoll li bħala Kuntistabbli tal-Pulizija, l-akkużat Christian Grech sar ħati ta′ reat ieħor li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx, jew li minħabba l-kariga tiegħu, kellu d-dmir li jimpedixxi.

**Fit-Tieni Kap**, talli nhar is-Sittax (16) ta′ Frar tas-sena Elfejn u Tmintax (2018) għall-ħabta tas-sitta u nofs ta′ filgħaxija (18:30hrs), ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta′ l-Imsida, Malta; kif ukoll nhar is-Seba′ (7) ta′ Marzu tas-sena Elfejn u Tmintax (2018) għall-ħabta tat-tlieta u nofs ta′ filgħodu (03:30hrs), wkoll ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta′ l-Imsida, Malta, b′diversi atti magħmulin minnu wkoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b′riżoluzzjoni waħda, bla ordni skont il-liġi tal-awtorita′ kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm, jew issekwestra persuna Maria Valentina Gatt kontra l-volonta′ tagħha, b′dana illi dan id-delitt sar bħala mezz biex persuna (Maria Valentina Gatt) tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha. Akkużah ukoll li bħala Kuntistabbli tal-Pulizija, l-akkużat Christian Grech sar ħati ta′ reat ieħor li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx, jew li minħabba l-kariga tiegħu, kellu d-dmir li jimpedixxi.

**Fit-Tielet Kap**, talli nhar id-Disgħa (9) ta′ Marzu tas-sena Elfejn u Tmintax (2018) u fil-ġimgħat u xhur ta′ qabel din id-data, f′dawn il-gżejjer, b′diversi atti magħmulin minnu wkoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b′riżoluzzjoni waħda, bħala impjegat fil-Korp tal-Pulizija ta fastidju sesswalment lil impjegati oħra (Maria Valentina Gatt u Ylenia Maria Xerri) billi assoġġettahom għal att jew atti ta′ intimita′ fiżika u/jew assoġġetahom għal xi att jew kondotta li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inklużi kliem bil-fomm, ġesti, jew il-produzzjoni, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta′ kliem miktubin, stampi jew materjal ieħor fejn l-att jew atti jew il-kondotta ma kienux mixtieqa mill-vittmi (Maria Valentina Gatt u Ylenia Maria Xerri) u jistgħu raġonevolment jitqiesu bħala offensivi, umiljanti, u intimindatorji lejn il-vittmi (Maria Valentina Gatt u Ylenia Maria Xerri). Akkużah ukoll li bħala Kuntistabbli tal-Pulizija, l-akkużat Christian Grech sar ħati ta′ reat ieħor li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx, jew li minħabba l-kariga tiegħu, kellu d-dmir li jimpedixxi.

**Fir-Raba' Kap**, talli nhar it-Tmienja (8) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Tmintax (2018) u fil-ġimgħat u xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu wkoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ġab ruħu b'mod li ta fastidju lil persuna oħra (Maria Valentina Gatt) u b'mod li kien jaf jew kien imissu jkun jaf li dan kien ta' fastidju għal dik il-persuna. Akkużah ukoll li bħala Kuntistabbli tal-Pulizija, l-akkużat Christian Grech sar ħati ta' reat ieħor li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx, jew li minħabba l-kariga tiegħu, kellu d-dmir li jimpedixxi

Rat n-nota ta'l-eċċezzjonijiet ta'l-akkużat Christian Grech preżentata fit-12 ta' Marzu 2021 fejn eċċepixxa:

1. Illi jigi rilevat illi l-atti tal-kumpilazzjoni u s-sussegwenti att ta' akkuza huma nulli stante illi ghalkemm l-akkuzat wiegeb mhux hati fl-ewwel seduta u cioe' dik datata 20 ta' Marzu tas-sena 2018, il-Qorti naqset milli tibghat l-atti ghand ir-Registratur tal-Qrati sabiex jigu assenjati skont il-Ligi izda zammett l-atti ghandha u fil-fatt l-istess Qorti kif preseduta zammet seduta l-ghada 21 ta' Marzu tas-sena 2018 fejn kien biss f'dik is-seduta illi l-Qorti kif preseduta baghtet l-atti ghand ir-Registratur tal-Qrati sabiex jigu assenjati skont il-Ligi u dan jammonta ghall-irregolarita' fil-proceduri li ma tistax tigi sanata. Jigi umilment rilevat li huwa obbligu tal-Avukat Generli li jezamina l-atti tal-process f'kumpilazzjoni, u f'kaz li jirrizultalu li hemm xi nuqqas, huwa ghandu jirrinvija l-atti processwali lil dik il-Qorti permezz ta' rinviju fejn jitlob lill-Magistrat sabiex jirregolarizza tali nuqqas.

2. Illi inoltre jigi rilevat illi kwalunkwe referenza ghall-fatt illi l-akkuzat kien qieghed jikkunsidra illi jammetti senjatament a fol 13-14 u a fol 18-19 ghandhom jigu mnehhija mill-atti tal-kumpilazzjoni jew alternattivament m'ghandhomx jigu murija bl-ebda mod lill-gurati stante illi dan jaf jikkostitwixxi pregudizzju lill-akkuzat.

3. Illi l-akkuzat jirrileva li hemm diversi xhieda fl-atti tal-kumpilazzjoni, inter alia, ix-xhud WPC16 Suzanne Sapiano illi x-xhieda taghhom m'hix wahda ammissibbli u dan stante illi x-xhieda taghhom hija kompletament *hearsay evidence* u dan in vista tal-gurisprudenza rigwardanti *hearsay evidence*.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fit-18 ta' Marzu, 2021 in segwitu għan-nota ta' eċċezzjonijiet ppreżentata mill-akkużat fejn ta s-segwenti avviz ta' eċċezzjoni dwar l-ammissibilita' ta':

1. Dok DB1 formanti parti mill-elenku ta' dokumenti anness man-nota ta' eċċezzjonijiet preliminari tal-akkużat; u
2. Dok DB2 formanti parti mill-elenku ta' dokumenti anness man-nota ta' eċċezzjonijiet preliminari tal-akkużat.

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-1 ta' Lulju 2021, li biha ċaħħdet l-eċċezzjonijiet sollevati mill-akkużat Christian Grech u ddikjarat illi id-dokumenti DB1 u DB2 li jinsabu eżebiti a fol.24 sa fol.28 tal-proċess u li kienu ippreżentati mill-akkużat flimkien mal-eċċezzjonijiet preliminari tiegħu bħala inammissibbli u ordnat l-isfilz tagħhom.

Rat ir-rikors ta'l-appell mressaq mill-akkużat Christian Grech fil-05 ta' Lulju 2021 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn il-Qorti ċaħħdet l-eċċezzjonijiet kollha imressqa mill-akkużat, tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn iddikjarat illi Dok DB1 u Dok DB2 li jinsabu minn fol.24 sa 28 tal-proċess huma inammissibbli u ordnat l-isfilz tagħhom, u minflok tiċħad dawk l-eċċezzjonijiet hekk sollevati mill-Avukat Ġenerali fir-rigward, u konsegwentement tordna u tiddikjara illi l-istess huma prova ammissibbli li għandhom jiffurmaw parti mill-proċess odjern.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fit-28 ta' Lulju 2021 fejn kien tal-fehma illi l-appell tal-akkużat Christian Grech għandu jiġi miċħud.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

**1.** Illi l-appellant Christian Grech isib oġġezzjoni unikament għal dik il-parti tas-sentenza tal-Qorti Kriminali meta din iddikjarat illi d-Dokumenti DB1 u DB2 annessi mal-Elenku tad-Dokumenti ippreżentata minnu flimkien man-nota ta'l-eċċezzjonijiet kienu inammissibbli bħala prova u allura għaddiet biex tordna l-isfilz ta'l-istess.

**2**. Illi l-Qorti Kriminali, wara li għamlet ampja referenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti, kif diversament komposta, fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs Catriel Scicluna", iddeterminat din l-eċċezzjoni imqanqla mill-Avukat Ġenerali hekk:

> **"Illi ghaldaqstant, din il-Qorti, filwaqt li taf illi ghal kuntrarju tal-kaz sucitat, id-difiza fil-proceduri odjerni pprezentat DOK DB1 u DB2 ma' l-elenku tad-dokumenti flimkien mal-eccezzjonijiet preliminari, xorta wahda jibqa' l-fatt li l-awtentiticta' u l-veracita' taghhom ma gietx ippruvata bl-ebda mod. Ghaldaqstant, in vista dak kollu sucitat, Dok DB1 u Dok DB2 ma jistghux ikunu kkunsidrati bhala provi ammissibbli."**

**3**. Illi minn eżami tal-atti proċesswali jirriżulta illi d-Dokumenti DB1 u DB2 kienu eżebiti mid-difiża fl-Elenku tad-Dokumenti, anness man-Nota tal-Eċċezzjonijiet, u dan fit-termini ta'l-artikolu 438(2)(ii) tal-Kodici Kriminali. Dawn id-Dokumenti jikkonsistu f'fotokopja ta' *screenshots* minn *posts* meħuda minn siti soċjali li l-appellant jindika li huma provenjenti minn *Badoo*, *Instagram* u l-*Facebook*, u juru xi ritratti u konversazzjonijiet ossia *chats* li allegatament intbagħtu mill-vittma u li għalhekk x'aktarx huma mniżżla mill-kont privat tagħha. Dawn id-dokumenti madanakollu huma biss fotokopja t'allegati *screenshots*, li fl-atti kumpilatorji ma kienux ippreżentati u

kwindi sa issa ma hemm ebda prova dwar l-awtenticita' tagħhom, u tal-allegata provenjenza ta'l-istess. L-Avukat Ġenerali joġġezzjona għall-ammissibbilita' tagħhom billi fil-fehma tiegħu din il-prova ma tistax issir f'dan l-istadju, u għalhekk il-Prosekuzzjoni mhux ser ikollha mezz kif tikkontrolla l-veraċita' u l-awtentiċita' ta' dawn id-dokumenti.

**4**. Illi jibda biex jingħad illi ebda dokument ma jista' jkun ippreżentat fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri jekk mhux kif jingħad fl-artikolu 438 tal-Kodiċi Kriminali, fil-każ tad-difiża, u fl-artikolu 590(2) fil-każ tal-Prosekuzzjoni. Jekk id-dokument ma kienx hekk ippreżentat, irid jingħata permess specjali mill-Qorti biex l-istess ikun jista' jkun eżebiet fil-ġuri. Dan il-permess għandu jingħata biss jekk il-prova tkun rilevanti u ukoll jekk il-parti l-oħra ma tkunx ser tbati xi ħsara jew preġudizzju għaliex dan ma kienx prodott jew indikat qabel.

**5**. Igħid hekk il-Professur Giuseppe Cremona fil-ktieb tiegħu "*Raccolta della Gurisprudenza sul Codice Penale*", li għalkemm jitkellem dwar il-liġi penali kif kienet viġenti fil-bidu tas-seklu għoxrin, u għalkemm id-disposizzjoni tal-liġi in diżamina ġiet sostitwita permezz ta'l-Att LIII tal-1981, kif sussegwentement emendat, madanakollu fil-fehma tal-Qorti l-insenjament hemmhekk tramandat għadu applikabbli ukoll għal lum:

> ***Cio' che la Corte non puo' permettere ... e' che una delle parti sia, nel giorno della discussione, sorpresa con un mezzo di prova contro cui non si e' potuta premunire per tempo; che sia violata la lealta' e la buona fede che devono reggere ogni discussione, e che per tale modo siano compromessi i reciproci diritti di accusa e difesa, e sia scomposta l'ordine dei giudizzi."***

Illi fil-fatt il-principju ta' l-"*equality of arms*" għandu japplika bl-istess qies għal Prosekuzzjoni kif ukoll ghad-difiza. Kull parti f'litigazzjoni għandha tingħata kull opportunita' tressaq il-każ tagħha mingħajr ma ebda parti tbati

xi żvantagg fil-konfront tal-parti l-oħra. B'dan għalhekk li kull parti għandu ikollha l-possibilita' li tkun taf x'inhi l-evidenza li ser tinġieb 'il quddiem mill-parti l-oħra u li jkollha biżżejjed żmien biex teżamina kull dokument li ser jitressaq fil-qorti preventivament.

**6**. Issa f'dan il-każ għad irid ikun ċelebrat il-ġuri. Dan ifisser illi l-Prosekuzzjoni mhux biss ingħatat biżżejjed żmien preventivament sabiex tkun tista' teżerċita kontroll fuq il-prova li l-akkużat/appellat bi ħsiebu jagħmel bil-produzzjoni tad-dokumenti issa taħt kontestazzjoni, iżda ser ikollha ukoll okkażjoni, waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, li tipprova xxejjen tali prova. Fuq kollox jispetta unikament lid-difiża li tressaq dawk il-provi kollha sabiex turi il-veraċita' u awtentiċita' tad-dokumenti minnha ppreżentati u fin-nuqqas, l-prova tkun waħda wisq fjakka u mingħajr ebda valur probatorju.

**7.** Illi l-artikolu 632 tal-Kodiċi ta'Organiżazzjoni u Proċedura Ċivili reż applikabbli għal dawn il-proċeduri penali permezz ta'l-artikolu 520(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi hekk:

> **(1) Kull dikjarazzjoni magħmula mill-parti kontra tagħha nfisha, u kull kitba oħra li jkun fiha konfessjonijiet, konvenzjonijiet jew obbligi, jistgħu jinġiebu bi prova.**
> **(2) Tista' wkoll tinġieb bi prova kull kitba, stampata jew le, skrizzjoni, siġill, bandiera, strument jew għodda ta' arti jew sengħa, talja jew talja bi tqabbil, mappa, sinjal jew marka, li tista' tagħti informazzjoni, tifsir jew raġuni tal-fatti miġjuba fil-kawża.**

**8**. Illi allura l-Qorti ma tistax taqbel mal-fehma milħuqa mill-Qorti Kriminali illi dawn id-dokumenti jikkostitwixxu prova inammissibbli, billi l-liġi stess tagħti jedd lil parti jew oħra tippreżenta tali dokumenti basta li ssir prova dwar l-awtentiċita' tagħhom. Kif lanqas ma tista' il-Qorti taqbel mal-Qorti

Kriminali meta din sejset id-deċiżjoni tagħha fuq il-pronunzjament magħmul fis-sentenza "ir-Repubblika ta' Malta vs Catriel Scicluna" billi f'dak il-każ id-difiża, fl-ewwel lok, ma kenitx ippreżentat id-dokumenti flimkien man-Nota ta'l-Eċċezzjonijiet minnha ippreżentata u dan bi ksur ta' dak li jipprovdi l-artikolu 438 tal-Kodiċi Kriminali, u inoltre talbet li dawn ikunu ppreżentati fi stadju inoltrat tal-ġuri u dan meta kienu qed jinstemgħu il-provi tad-difiża, sabiex b'hekk il-Prosekuzzjoni qatt ma setgħet teżerċita kontroll fuq il-kontenut tad-dokument li id-difiża riedet tressaq bħala prova, oltre għal fatt illi l-maġġior parti tal-provi kienu diġa' instemgħu, bil-vittma allura lanqas setgħet f'dak l-istadju tikkonferma dak li id-difiża bdiet tallega.

**9**. Issa fil-każ in diżamina, kif diġa' ingħad, il-provi għad iridu jinstemgħu matul il-ġuri. Illi allura l-awtentiċita' tad-dokumenti eżebiti mid-difiża jista' jkun kkonfermat bil-mezzi kollha permessibbli bil-liġi u mogħtija lill-partijiet skont id-dispożizzjonijiet mfassla fil-Kodiċi Kriminali. Issa jekk din il-prova ssirx jew le, u f'liema grad, hija kwistjoni mħollija unikament fil-gudizzju ta' min hu msejjaħ biex jiġġudika, f'dan il-kaz, tal-ġurija popolari wara d-debita direzzjoni mill-Imħallef togat. Dan ifisser illi l-Qorti Kriminali ma setatx preventivament tiddikjara illi l-awtentiċita' u l-veraċita ta' dawn id-dokumenti ma kenitx ippruvata meta għad iridu jinstemgħu il-provi f'dan il-każ. Fuq kollox l-ammissibilita' o meno ta' prova dokumentarja u l-valur probatorju li prova dokumentarja jista' jkollha huma zewg kuncetti totalment distinti u wieħed irid joqgħod attent biex ma jikkonfondix il-wieħed ma' l-ieħor. Dan għaliex il-produċibbilita' jew improduċibbilita' tad-dokument hija waħda temporanja u relattiva f'dan il-każ, fis-sens illi l-Qorti ma tistax tiddeċiedi minn qabel is-smigħ tal-provi kollha jekk id-dokument jiswiex u x'valur probatorju jista' jkollu u dan sakemm ma tiġix ikkonfermata l-awtentiċita' ta'l-istess u il-veraċita' tal-kontenut tagħha. Prova, jerġa' jingħad, li tista' ssir biss waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri u mhux qabel, u l-Qorti

għandha tiddeċiedi fuq il-valur probatorju tagħha biss wara li jkunu nstemgħu il-provi kollha.

**10**. Għaldaqstant ġaldarba l-akkużat ippreżenta kopja tad-dokument li bi ħsiebu iressaq bħala prova, li mill-wiċċ tiegħu, jidher illi jista' jkun ta' rilevanza għal *facts in issue* f'dan il-każ, ġaldarba l-liġi stess tippermetti l-produċibbilita' ta' tali prova u dan kif imfisser fl-artikolu 632 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta hawn fuq iċċitat, il-Qorti ma tistax tqies id-Dokumenti DB1 u DB2 bħala prova inamissibbili f'dan l-istadju, iżda biss li jistgħu jkunu nieqsa minn valur probatorju u dan diment illi l-awtentiċita' u il-veraċita' tal-kontenut tagħhom ma tkunx ikkonfermata fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, fejn il-Prosekuzzjoni għandha biżżejjed żmien sabiex tkun tista' teżerċita kontroll fuq din il-prova li bi ħsiebha tagħmel id-difiża.

**Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell interpost. Tgħaddi għalhekk biex tirriforma is-sentenza appellata u konsegwentement tikkonfermaha fejn din ċaħħdet l-eċċezzjonijiet sollevati mill-appellant, u tirrevokaha fejn iddikjarat id-dokumenti DB1 u DB2 bħala prova inammissibbli u fejn ordnat l-isfilz ta'l-istess u tiddikjara dawn id-dokumenti bħala prova ammissibbli f'dan l-istadju in linja ma' dak hawn fuq deċiż.**

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Onor. Imħallef Giovanni M. Grixti**